Nru./No. 21,020
Prezz/Price
€1.80

Gazzetta tal-Gvern ta' Malta
The Malta Government Gazette

It-Tlieta, 14 ta' Marzu, 2023
Tuesday, 14th March, 2023

Pubblikata b'Awtorità
Published by Authority

SOMMARJU – SUMMARY

Notifikazzjonijiet tal-Gvern ..... 2757 - 2766
Government Notices ..... *2757 - 2766*

Avviżi tal-Pulizija ..... 2766 - 2769
Police Notices ..... *2766 - 2769*

Avviżi lill-Baħħara ..... 2769 - 2770
Notices to Mariners ..... *2769 - 2770*

Avviżi tal-Gvern 2770
Notices *2770*

Offerti ..... 2770 - 2776
Tenders ..... *2770 - 2776*

Avviżi tal-Qorti ..... 2776 - 2792
Court Notices ..... *2776 - 2792*

NOTIFIKAZZJONIJIET TAL-GVERN

Nru. 327

PUBBLIKAZZJONI TA' ATTI FIS-SUPPLIMENT

HUWA avżat għall-informazzjoni ġenerali li l-Atti li ġejjin huma ppubblikati fis-Suppliment li jinsab ma' din il-Gazzetta:

Att Nru V tal-2023 imsejjaħ l-Att tal-2023 li jemenda l-Att dwar is-Sigurtà Soċjali;

Att Nru VI tal-2023 imsejjaħ l-Att tal-2023 li jemenda l-Kodiċi Ċivili;

Att Nru VII tal-2023 imsejjaħ l-Att tal-2023 li jemenda l-Att dwar id-Dħul ta' Malta bħala Membru tal-Fond Monetarju Internazzjonali;

Att Nru VIII tal-2023 imsejjaħ l-Att tal-2023 li jemenda l-Att kontra Money Laundering; u

Att Nru IX tal-2023 imsejjaħ l-Att tal-2023 li jemenda l-Att dwar is-Swieq Finanzjarji.

L-14 ta' Marzu, 2023

GOVERNMENT NOTICES

No. 327

PUBLICATION OF ACTS IN SUPPLEMENT

IT is notified for general information that the following Acts are published in the Supplement to this Gazette:

Act No. V of 2023 entitled the Social Security (Amendment) Act, 2023;

Act No. VI of 2023 entitled the Civil Code (Amendment) Act, 2023;

Act No. VII of 2023 entitled the Malta Membership of the International Monetary Fund (Amendment) Act, 2023;

Act No. VIII of 2023 entitled the Prevention of Money Laundering (Amendment) Act, 2023; and

Act No. IX of 2023 entitled the Financial Markets (Amendment) Act, 2023.

14th March, 2023

Nru. 328

AVVIŻI LEGALI PPUBBLIKATI FIS-SUPPLIMENT MAL-GAZZETTA TAL-GVERN

NGĦARRFU għall-informazzjoni ta' kulħadd illi l-Avviżi Legali li ġejjin ġew ippubblikati fis-Suppliment mal-Gazzetta tal-Gvern Nru. 21,017 tas-7 ta' Marzu, 2023 (Avviż Legali 54) u Nru. 21,019 tal-10 ta' Marzu, 2023 (Avviżi Legali 55 sa 58) rispettivament.

A.L. 54 tal-2023: Ordinanza dwar ir-Regolament tat-Traffiku (Kap. 65), Att dwar l-Awtorità għat-Trasport f'Malta (Kap. 499); Regolamenti tal-2023 li jemendaw ir-Regolamenti dwar l-Interoperabbiltà ta' Sistemi Elettroniċi għall-Ħlas ta' Taxxi għall-Użu ta' Toroq.

A.L. 55 tal-2023: Att Dwar is-Sigurtà Soċjali (Kap. 318); Regolamenti tal-2023 li jemendaw il-Ħames Skeda li tinsab mal-Att dwar is-Sigurtà Soċjali.

A.L. 56 tal-2023: Att li Jwaqqaf l-Awtorità dwar l-Użu Responsabbli tal-Kannabis (Kap. 628); Regolamenti tal-2023 dwar l-Użu Responsabbli tal-Kannabis (Liċenzjar tal-Organizzazzjonijiet).

No. 328

LEGAL NOTICES PUBLISHED IN THE SUPPLEMENT TO THE GOVERNMENT GAZETTE

IT is notified for general information that the following Legal Notices were published in the Supplement to the Government Gazette No. 21,017 of 7th March, 2023 (Legal Notice 54) and No. 21,019 of 10th March, 2023 (Legal Notices 55 to 58) respectively.

L.N. 54 of 2023: Traffic Regulation Ordinance (Cap. 65), Authority for Transport in Malta Act (Cap. 499); Motor Vehicles (Interoperability of Electronic Road Tolls Systems) (Amendment) Regulations, 2023.

L.N. 55 of 2023: Social Security Act (Cap. 318); Social Security Act (Amendment of Fifth Schedule) Regulations, 2023.

L.N. 56 of 2023: Authority on the Responsible Use of Cannabis Act (Cap. 628); Responsible Use of Cannabis (Licensing of Organisations) Regulations, 2023.

A.L. 57 tal-2023: Kodiċi Ċivili (Kap. 16); Regolamenti tal-2023 dwar l-Applikazzjoni tat-Tieni Skeda li tinsab mal-Kodiċi Ċivili.

A.L. 58 tal-2023: Ordinanza dwar iċ-Ċertifikati tal-Kondotta (Kap. 77); Regolamenti tal-2023 li jemendaw ir-Raba' Skeda li tinsab mal-Ordinanza dwar iċ-Ċertifikati tal-Kondotta.

L-14 ta' Marzu, 2023

Nru. 329

REGOLAMENTI DWAR IL-ĦADDIEMA TAL-PORT (L. S. 171.02)

Kumitat għall-Fini ta' Tmexxija tal-Fond tal-Pensjoni u tal-Kontinġenzi

NGĦARRFU għall-informazzjoni ta' kulħadd illi skont id-dispożizzjonijiet tar-Regolament 32 tar-Regolamenti dwar il-Ħaddiema tal-Port (L. S. 171.02), il-Ministru għat-Trasport, Infrastruttura u Proġetti Kapitali għoġbu jinnomina mill-ġdid il-Kumitat magħmul mill-persuni li ġejjin għall-fini ta' tmexxija tal-Fond tal-Pensjoni u tal-Kontinġenzi:

Chairperson
Is-Sur Kenneth Swain

Rappreżentanti tal-Awtorità għat-Trasport f'Malta
Dott. Ivan Tabone
Is-Sa Mary Rose Pace

Rappreżentanti tal-Ħaddiema tal-Port
L-Inġ. Ryan Fava
Is-Sur Martin Azzopardi

Segretarja
Dott. Stephanie Abela

Dawn il-ħatriet huma validi għal perjodu ta' sena b'seħħ mill-1 ta' Mejju, 2022.

L-14 ta' Marzu, 2023

Nru. 330

AKKWIST TA' ART

PROKLAMA TAL-AWTORITÀ TAL-ARTIJIET

Billi bl-artikolu 71 skont l-Att dwar Artijiet tal-Gvern (Kap. 573) tal-Liġijiet ta' Malta, huwa pprovdut illi l-Bord tal-Gvernaturi tal-Awtorità tal-Artijiet jista' għal skopijiet pubbliċi, jiddikjara b'avviż illi l-art hija suġġetta għall-jedd ta' clearance jew għall-jedd ta' taħt wiċċ l-art.

L-14 ta' Marzu, 2023
(File No. L036/2023)

L.N. 57 of 2023: Civil Code (Cap. 16); Civil Code (Application of Second Schedule) Regulations, 2023.

L.N. 58 of 2023: Conduct Certificates Ordinance (Cap. 77); Conduct Certificates Ordinance (Amendment of Fourth Schedule) Regulations, 2023.

14th March, 2023

No. 329

PORT WORKERS REGULATIONS (S. L. 171.02)

Committee for the Administration of the Pension and Contingency Fund

IT is notified for general information that, in accordance with the provisions of Regulation 32 of the Port Workers Regulations (S.L. 171.02), the Minister for Transport, Infrastructure and Capital Projects has re-nominated the Committee composed of the following persons for the purpose of administration of the Pension and Contingency Fund:

Chairperson
Mr Kenneth Swain

Representatives of the Authority for Transport in Malta
Dr Ivan Tabone
Ms Mary Rose Pace

Representatives of Port Workers
Inġ. Ryan Fava
Mr Martin Azzopardi

Secretary
Dr Stephanie Abela

These appointments are valid for a period of one year with effect from 1st May, 2022.

14th March, 2023

No. 330

ACQUISITION OF LAND

PROCLAMATION BY THE LANDS AUTHORITY

Whereas by the provisions of section 71 in accordance with the Government Lands Act (Cap. 573) of the Laws of Malta, the Board of Governors of the Lands Authority can for public purposes, declare that the land is subject to clearance rights or subsoil rights.

14th March, 2023

U billi hu meħtieġ illi l-proprjetà msemmija fl-iskeda mdaħħla hawnhekk tiġi ddikjarata suġġetta għal dritt ta' taħt wiċċ l-art.

Issa, għalhekk, jiena, bis-saħħa tal-artikolu 71 tal-imsemmija Att, b'din niddikjara illi l-proprjetà msemmija fl-iskeda mdaħħla hawnhekk hija suġġetta għal dritt ta' taħt wiċċ l-art.

Skeda

Art fil-Qrendi:

1. L-imsemmi dritt ta' taħt wiċċ l-art jikkonsisti sabiex isir ħaffir ta' trinka ta' madwar 82 metru twila, b'2 metri fond u b'1 metru wisa' u tqegħid ta' servizzi għal żmien indefinit, f'għalqa ta' kejl ta' madwar 877 metru kwadru, liema għalqa tmiss mill-Majjistral ma' triq pubblika u mil-Lvant u min-Nofsinhar ma' proprjetà ta' sidien mhux magħrufa.

L-art hawn fuq imsemmija hija murija fuq il-pjanta mmarkata P.D.2023_0064, li wieħed jista' jara fuq talba fl-Awtorità tal-Artijiet, il-Berġa tal-Baviera, Il-Belt Valletta.

(Iff.) Dott. John Vassallo
Chairperson tal-Bord tal-Gvernaturi tal-Awtorità tal-Artijiet

Id-9 ta' Marzu, 2023

Nru. 331

ATT DWAR IL-ĦADDIEMA D-DEHEB U L-ĦADDIEMA L-FIDDA (ARĠENTIERA) (KAP. 46)

IL-KUMMISSARJU tat-Taxxi Interni jgħarraf illi, fid-data li tidher hawn taħt, il-prezz tad-deheb u l-fidda li fuqu huma bbażati l-valutazzjonijiet magħmulin mill-Konslu għall-Ħaddiema d-Deheb u l-Ħaddiema l-Fidda ġie ffissat għall-finijiet tal-artikolu 14 tal-imsemmi Att kif ġej:

Data	Deheb Pur Gramma	Fidda Pura Gramma
Date	*Pure Gold* *Grams*	*Pure Silver* *Grams*
14.3.2023	€55.749	€0.611

L-14 ta' Marzu, 2023

And whereas it is required that the property mentioned in this schedule is declared subject to subsoil rights.

Now, therefore, I, by means of the powers of section 71 of the mentioned Act, hereby declare that the property mentioned in this schedule is subject to subsoil rights.

Schedule

Land in Qrendi:

1. The mentioned subsoil rights consisting in the digging of a trench about 82 metres long, with a depth of 2 metres and 1 metre wide and laying of services for an indefinite period, in a field of the area of about 877 metres square, which field is bounded on the northwest by a public road and on the east and on the south by property of unknown owners.

The above-mentioned land is shown on plan marked P.D. 2023_0064 which may be viewed on demand at the Lands Authority, Auberge de Baviere, Valletta.

(Sgd) Dr John Vassallo
Chairperson of the Board of Governors of the Lands Authority

9th March, 2023

No. 331

GOLDSMITHS AND SILVERSMITHS ACT (CAP. 46)

THE Commissioner of Inland Revenue notifies that, on the date shown hereunder, the price of gold and silver on which valuations made by the Consul for Goldsmiths and Silversmiths are based has been fixed for the purposes of article 14 of the said Act as follows:

Data	Deheb Pur Gramma	Fidda Pura Gramma
Date	*Pure Gold* *Grams*	*Pure Silver* *Grams*
14.3.2023	€55.749	€0.611

14th March, 2023

Nru. 332

NUMRI ĠODDA TA' BIBIEN F'BIRŻEBBUĠA

Emenda

B'RIFERENZA għan-Notifikazzjoni tal-Gvern Nru. 44 tal-21 ta' Jannar, 1957, għandha ssir din l-emenda kif indikata b'tipi **grassi**.

No. 332

NUMBERING OF DOORS AT BIRŻEBBUĠA

Amendment

WITH reference to Government Notice No. 44 dated 21st January, 1957, the following amendment in **bold** should be made.

BIRŻEBBUĠA

TRIQ L-IMMAKULATA KUNĊIZZJONI

Meta tidħol minn Triq Bengħajsa
Entering from Triq Bengħajsa

Isem/Numru Qadim *Name/Old Number*	Numru ġdid *New Number*
Bieb bla numru	16
Bieb bla numru	17

għandha tinqara
should read

Isem/Numru Qadim *Name/Old Number*	Numru ġdid *New Number*
16	16
Garaxx	**16A**
Bieb bla numru	17

L-14 ta' Marzu, 2023

14th March, 2023

Nru. 333

NUMRI ĠODDA TA' BIBIEN FIL-ĦAMRUN

Emenda

B'RIFERENZA għan-Notifikazzjoni tal-Gvern Nru. 285 tas-17 ta' Marzu, 2017, taħt it-titlu 'Numri ġodda ta' bibien fil-Ħamrun', għandha ssir din l-emenda kif indikata b'tipi **grassi**.

No. 333

NUMBERING OF DOORS AT IL-ĦAMRUN

Amendment

WITH reference to Government Notice No. 285 dated 17th March, 2017, under the title 'Numbering of doors at Il-Ħamrun', the following amendment in **bold** should be made.

IL-ĦAMRUN

1. TRIQ JOSEPH ABELA SCOLARO

In-naħa tax-xellug meta tidħol minn Triq il-Kanun
Left side entering from Triq il-Kanun

Isem/Numru Qadim *Name/Old Number*	Numru ġdid *New Number*
Bieb bla numru	163
Bieb bla numru	165

In-naħa tal-lemin meta tidħol minn Triq il-Kanun
Right side entering from Triq il-Kanun

Isem/Numru Qadim *Name/Old Number*	Numru ġdid *New Number*

għandha tinqara
should read

Isem/Numru Qadim *Name/Old Number*	Numru ġdid *New Number*
163	163
Bieb bla numru	**163A**
165, **Invicta Court**	165

Isem/Numru Qadim *Name/Old Number*	Numru ġdid *New Number*

L-14 ta' Marzu, 2023

14th March, 2023

Nru. 334

NUMRI ĠODDA TA' BIBIEN F'ĦAL QORMI

Emendi

B'RIFERENZA għan-Notifikazzjoni tal-Gvern Nru. 766 tal-14 ta' Lulju, 2017, taħt it-titlu 'Numri ġodda ta' bibien f'Ħal Qormi', għandhom isiru dawn l-emendi kif indikati b'tipi **grassi**.

No. 334

NUMBERING OF DOORS AT ĦAL QORMI

Amendments

WITH reference to Government Notice No. 766 dated 14th July, 2017, under the title 'Numbering of doors at Ħal Qormi', the following amendments in **bold** should be made.

ĦAL QORMI

1. TRIQ ĠUŻÈ MUSCAT AZZOPARDI

In-naħa tax-xellug meta tidħol minn Triq il-Vitorja

Left side entering from Triq il-Vitorja

Isem/Numru Qadim *Name/Old Number*	Numru ġdid *New Number*
Garaxx	9
Garaxx	11
Bieb bla numru (Dar)	13
Garaxx	15
8	17
9	19
10	21

In-naħa tal-lemin meta tidħol minn Triq il-Vitorja

Right side entering from Triq il-Vitorja

Isem/Numru Qadim *Name/Old Number*	Numru ġdid *New Number*

għandhom jinqraw
should read

Isem/Numru Qadim *Name/Old Number*	Numru ġdid *New Number*
9 (Garaxx)	9
Daħla għall-garaxxijiet	**11**
Bieb bla numru	**13**
Bieb bla numru	**15**
Bieb bla numru	**17**
21	21

* In-numru 19 mhux se jintuża peress li nfetħu inqas bibien milli kien hemm mibni oriġinarjament

L-14 ta' Marzu, 2023 14th March, 2023

Nru. 335

NUMRI ĠODDA TA' BIBIEN FL-IMQABBA

Emendi

B'RIFERENZA għan-Notifikazzjoni tal-Gvern Nru. 718 tad-19 ta' Awwissu, 2008, taħt it-titlu 'Numri ġodda ta' bibien fl-Imqabba', għandhom isiru dawn l-emendi kif indikati b'tipi **grassi**.

No. 335

NUMBERING OF DOORS AT L-IMQABBA

Amendments

WITH reference to Government Notice No. 718 dated 19th August, 2008, under the title 'Renumbering of doors at L-Imqabba', the following amendments in **bold** should be made.

L-IMQABBA

5. TRIQ IL-KONVOJ TA' SANTA MARIJA

In-naħa tax-xellug meta tidħol minn Pjazza tal-Ġublew tad-Djamanti

Left side entering from Pjazza tal-Ġublew tad-Djamanti

Isem/Numru Qadim *Name/Old Number*	Numru ġdid *New Number*
Pimpernell	99

In-naħa tal-lemin meta tidħol minn Pjazza tal-Ġublew tad-Djamanti

Right side entering from Pjazza tal-Ġublew tad-Djamanti

Isem/Numru Qadim *Name/Old Number*	Numru ġdid *New Number*

Isem/Numru Qadim *Name/Old Number*	Numru ġdid *New Number*	Isem/Numru Qadim *Name/Old Number*	Numru ġdid *New Number*
Garaxx	101		
La Lumiere	103		
Garaxx	105		
Osprey	107		

għandhom jinqraw
should read

Isem/Numru Qadim *Name/Old Number*	Numru ġdid *New Number*	Isem/Numru Qadim *Name/Old Number*	Numru ġdid *New Number*
99, Pimpernell	99		
Garaxx	**101**		
Bieb bla numru	**101A**		
Bieb bla numru (Flettijiet)	**103**		
105 (Garaxx)	105		
107, Osprey	107		

L-14 ta' Marzu, 2023

Nru. 336

NUMRI ĠODDA TA' BIBIEN F'ĦAL KIRKOP

Emendi

B'RIFERENZA għan-Notifikazzjoni tal-Gvern Nru. 547 tas-27 ta' Ġunju, 2003, taħt it-titlu 'Numri ġodda ta' bibien f'Ħal Kirkop', għandhom isiru dawn l-emendi kif indikati b'tipi **grassi**.

14th March, 2023

No. 336

NUMBERING OF DOORS AT ĦAL KIRKOP

Amendments

WITH reference to Government Notice No. 547 dated 27th June, 2003, under the title 'Renumbering of doors at Ħal Kirkop', the following amendments in **bold** should be made.

ĦAL KIRKOP

1. TRIQ SAN BENEDITTU

In-naħa tax-xellug meta tidħol minn Triq San Rokku

Left side entering from Triq San Rokku

Isem/Numru Qadim *Name/Old Number*	Numru ġdid *New Number*
Romar	103
Garaxx	105
Garaxx	107
Holy Mary	109
84, St. George's	111

In-naħa tal-lemin meta tidħol minn Triq San Rokku

Right side entering from Triq San Rokku

Isem/Numru Qadim *Name/Old Number*	Numru ġdid *New Number*

għandhom jinqraw
should read

Isem/Numru Qadim *Name/Old Number*	Numru ġdid *New Number*	Isem/Numru Qadim *Name/Old Number*	Numru ġdid *New Number*
105 (Garaxx)	105		
Garaxx	**107**		
Holy Mary (Flettijiet)	**109**		
Garaxx	**109A**		
111, St. George's	111		

L-14 ta' Marzu, 2023

14th March, 2023

Nru. 337

NUMRI ĠODDA TA' BIBIEN F'MARSAXLOKK

Emenda

B'RIFERENZA għan-Notifikazzjoni tal-Gvern Nru. 895 tat-28 ta' Ġunju, 2021, taħt it-titlu 'Numri ġodda ta' bibien f'Marsaxlokk', għandha ssir din l-emenda kif indikata b'tipi **grassi**.

No. 337

NUMBERING OF DOORS AT MARSAXLOKK

Amendment

WITH reference to Government Notice No. 895 dated 28th June, 2021, under the title 'Numbering of doors at Marsaxlokk', the following amendment in **bold** should be made.

MARSAXLOKK

TRIQ GĦAJN OSIRIS

In-naħa tax-xellug meta tidħol minn Triq il-Barrakki

Left side entering from Triq il-Barrakki

Isem/Numru Qadim *Name/Old Number*	Numru ġdid *New Number*

In-naħa tal-lemin meta tidħol minn Triq il-Barrakki

Right side entering from Triq il-Barrakki

Isem/Numru Qadim *Name/Old Number*	Numru ġdid *New Number*
Garaxx	4
Bieb bla numru	6

għandha tinqara
should read

Isem/Numru Qadim *Name/Old Number*	Numru ġdid *New Number*

Isem/Numru Qadim *Name/Old Number*	Numru ġdid *New Number*
4 (Garaxx)	4
Bieb bla numru	**4A**
6	6

L-14 ta' Marzu, 2023 14th March, 2023

Nru. 338

NUMRI ĠODDA TA' BIBIEN FIL-GUDJA

Prolungament

B'RIFERENZA għan-Notifikazzjoni tal-Gvern Nru. 388, tat-2 ta' Mejju, 2001, taħt it-titlu 'Numri ġodda ta' bibien fil-Gudja', għandu jsir dan il-prolungament kif indikat b'tipi **grassi**.

No. 338

NUMBERING OF DOORS AT IL-GUDJA

Prolongation

WITH reference to Government Notice No. 388, dated 2nd May, 2001, under the title 'Renumbering of doors at Il-Gudja', the following prolongation in **bold** should be made.

IL-GUDJA

35. VJAL IT-TORRI

In-naħa tax-xellug meta tidħol minn Dawret il-Gudja

Left side entering from Dawret il-Gudja

Isem/Numru Qadim *Name/Old Number*	Numru ġdid *New Number*
79, Sagittarius	79

In-naħa tal-lemin meta tidħol minn Dawret il-Gudja

Right side entering from Dawret il-Gudja

Isem/Numru Qadim *Name/Old Number*	Numru ġdid *New Number*

għandhom jiżdiedu
should be added

Isem/Numru Qadim *Name/Old Number*	Numru ġdid *New Number*

Isem/Numru Qadim *Name/Old Number*	Numru ġdid *New Number*
Daħla għall-garaxxijiet	**81**
Bert's Nest	**83**
Dalli Court	**85**
Kampanella	**87**

L-14 ta' Marzu, 2023 14th March, 2023

Nru. 339

AVVIŻ GĦALL-GĦANIJIET TAL-ATT TAL-1996 DWAR GWARDJANI PRIVATI U UFFIĊJALI TAL-KOMUNITÀ (KAP. 389)

IL-KUMMISSARJU tal-Pulizija, skont l-artikoli 7 u 8 tal-Att tal-1996 dwar Gwardjani Privati u Uffiċjali tal-Komunità, b'din jgħarraf li rċieva dawn l-applikazzjonijiet kif imsemmija hawn taħt:

No. 339

NOTICE IN TERMS OF THE PRIVATE GUARDS AND COMMUNITY OFFICERS (CAP. 389)

THE Commissioner of Police, in terms of articles 7 and 8 of the Private Guards and Community Officers Act 1996, hereby notifies that the following applications as mentioned hereunder have been received:

Applikazzjoni għall-liċenzja bħala Aġenzija ta' Gwardjani Privati
Application for licence of a Private Guard Agency

Isem u kunjom *Name and Surname*	Nru. tal-Karta tal-Identità *Identity Card No.*	Indirizz *Address*
Glen Ciantar	124094M	Indirizz privat/*Private address*: Fairview Heights, Flat 4, Triq Francis Attard, In-Naxxar Indiriżż tal-aġenzija/*Agency address*: Special Intervention Security, Fairview Heights, Flat 4, Triq Francis Attard, In-Naxxar

Applikazzjoni ghall-liċenzja bħala Gwardjani Privat
Application for licence of a Private Guard

Isem u kunjom *Name and Surname*	Nru. tal-Karta tal-Identità *Identity Card No.*	Indirizz *Address*
Romina Calleja	66177M	Binja Skorba, Ent. F, Flat 4, Triq il-Karamelli, L-Imġarr
Lorriane Vassallo	256974M	28, Triq Dun Ġużepp Vella, Ħal Qormi
Robert Joseph Xuereb	360300L	12, Triq Papa Ljun XIII, In-Nadur, Għawdex
Shakil	293737A	82, Carmel House, Triq l-Imdina, Ħal Qormi
Lava Kumar Ravula	333046A	14, Triq Tal-Mużew, Ir-Rabat
Premkumar Josekutty	308044A	287, Ave Maria, Triq il-Kbira, Ħal Qormi
Betka Simonovska	337115A	3, My Rest, Flat 7, Triq Desguanez, San Pawl il-Baħar
Ranaveer Pothuganti	332115A	150, L-Għorfa, Triq Carvaggio, Ħal Għargħur
Madhava Reddy Vanga	308955A	128, Villa Maria, Triq it-Tiben, Is-Swieqi
Venkatesh Peddagolla	338640A	452, Flat 2, Triq il-Kanun, Santa Venera
Srinivas Reddy Vootkuri	332097A	149, Fairview, Flat 2, Triq l-Arznell, Marsaxlokk
Ashish Kadariya	357399A	Jean Flats, Flat 3, Triq it-Tempesta, San Pawl il-Baħar
Atit Lama	298176A	45, Petite Fleur, Flat 2, Triq il-Mro. Giuseppe Camilleri, Birkirkara
Pranav Souda	303398A	17, Jerome's, Flat 2, Triq San Frangisk, Raħal Ġdid
Luca Alfino	184103L	Wall Flower, Flat 1, Triq Dun Karm Psaila, Ħaż-Żebbuġ
Dawson Farrugia	286403L	44, Marigold, Flat 1, Triq Blat il-Qamar, Is-Siġġiewi
Jason Magro	106982M	15, Flat 1, Triq Felič, Bormla
Jason Cassar	73372M	Corsair Mais, 1, Triq il-Qawwara, Marsaskala

Agnes Grech	28380M	193, St Patrick's Crt, Flat 4, Triq San Filippu, Birżebbuġa
Ravindhar Thota	311954A	60, Polidano House Lodging, Triq Ħal Farruġ, Ħal Luqa
Manohar Maroju	310139A	Milestone, Flat 2, Triq Ġużè Orlando, Birkirkara
Nadia Tonna	288071M	52, Sacred Heart, Triq l-Imtarfa, L-Imtarfa
Saviour Tabone	287762M	85, Flat 2, Triq San Nikola, Il-Belt Valletta
Anthony Angelo Attard	158800L	73, St Helen, Flat 9, Triq il-Ħġejjeġ, San Pawl il-Baħar
Aleksandar Markovic	240170A	St Ann Court, Flat 3, Triq Ħaġret l-Armi, Ix-Xewkija, Għawdex
Claudette Agius	483780M	Dukes Crt, Blk F, Flat 4, Triq l-Isqof Emm. Galea, Iż-Żejtun
Joanna Mallia	472497M	141, Fleniroxgh, Triq il-Kunvent, Ħaż-Żabbar
Gaurav Lama	321223A	St Joseph Flats Flat 8, Triq Antonio Sciortino, L-Imsida
Ramchandra Pahari	313176A	Gardenia, Flat 5, Triq il-Bacir, L-Imsida
Nadine Calleja	55102L	6, Misraħ San Filippu, Ħaż-Żebbuġ
Alexandra Said	98773M	1, Trejqet l-Arznu, In-Naxxar
Antoine Caruana	97579M	Ta'Fidiel, Triq it-Torri, Marsaxlokk
Raymond Muscat	248060M	6, Redeemer, Triq Tal-Maħżnier, Ħal Luqa
Charolt Desira	324983M	60, Sqaq Lajri, Ħaż-Żabbar
Joseph Galea	314169M	Blk C2, Flat 6, Pjazza Madonna ta' Fatima, Tal-Pietà
Kimberly Camilleri	361888M	Blk 13, Bieb 1, Flat 16, Trejqet il-Liedna, Santa Luċija
Shahbaz Ashraf Malik	351449A	White Dolphin, Blk A, Flat 404, Dawret il-Gżejjer, San Pawl il-Baħar
Mario Barbara	498463M	Blk G, Ent. C, Flat 5, Triq il-Qalb ta' Ġesù, Il-Birgu
Emanuel Camilleri	128964M	17, Natale, Triq il-Kileb, L-Imqabba
Romina Massa	81581M	Blk 3, Flat 7, Triq il-Ġnien, Santa Luċija
Amanda Woodhead	559578M	Blk 5, Flat 2, Triq il-Ġnien, Santa Luċija
Magdalene Azzopardi	424473M	Nymphaea, Triq il-Mro. Giuseppe Busuttil, Birkirkara
Muhammad Zeeshan Ali Anwar	313157A	Radisson Blu Golden Sands, Triq Għajn Tuffieħa, Il-Mellieħa
Abin Shrestha	308058A	58, Flat 2, Ix-Xatt, Tas-Sliema
Jake Camilleri	296898M	23, Triq Viani, Tas-Sliema
Alison Agius	536076M	32, St Joseph, Triq Patri Pelagju Mifsud, Ħaż-Żebbuġ
Julije Gombar	184370A	21, Shadwell, Triq Ġanni Cilia, Ħaż-Żebbuġ
Anthony Scicluna	432172M	4, Bernardette, Triq Melita, Ħaż-Żabbar
Matthew Galea	500289M	73, Lee Matthew, Triq Ħal Warda, Ħ'Attard
Mario Vassallo	265569M	Blk S, Flat 6, Triq Bini tal-Gvern, Il-Ħamrun
Caroline Magro	449672M	St John's Wort, 7, Sqaq l-Osswarju, Iż-Żurrieq
Dhan Bahadur Bharati	367598A	37, Maison Chant, D5A, Triq Lewis V. Farrugia, Fleur-De-Lys, Birkirara
Shaun Paul Attard	442098M	Debattista Crt, Flat 2, Triq il-Ħamri, Għajnsielem, Għawdex
Jacob Debrincat	9788G	Shalom, Triq San Ġwann Battista, Ix-Xewkija, Għawdex
Shaun Xuereb	1495G	Xuereb Crt, Flat 1, Triq Tal-Gruwa, ix-Xewkija, Għawdex
Krishna Kumar Vadakkenadath Chellappa Panicker	238226A	Sun Flats, Flat 2, Pjazza Memè Scicluna, Il-Gżira
Emmanuel	203468A	142, Triq is-Salib tal-Marsa, Il-Marsa
Abdul Basit	331867A	22, Ixia, Triq is-Sajf, San Pawl il-Baħar
Iddris Nasir Harun	47465A	Casa Redentore, Triq il-Grazzja, Ħaż-Żebbuġ

Kull persuna tista', fi żmien xahar mill-pubblikazzjoni ta' dan l-avviż, toġġezzjona bil-miktub lill-Kummissarju dwar il-ħruġ ta' dawn il-liċenzi għal xi waħda mir-raġunijiet imsemmija fl-artikolu 10 tal-Att tal-1996 dwar Gwardjani Privati u Uffiċjali tal-Komunità, li huma:

(a) meta l-applikant jew xi uffiċjali tal-applikant jew persuna oħra li jkollha kontroll effettiv tas-servizzi li jkunu se jiġu pprovduti mill-applikant.

(i) tkun instabet ħatja f'Malta jew xi mkien ieħor ta' xi delitt kontra s-sigurtà tal-Istat, jew ta' xi offiża volontarja fuq il-persuna jew ta' xi delitt kontra proprjetà jew kontra l-fiduċja pubblika jew ta' xi delitt gravi ieħor; jew

(ii) tkun iddikjarata falluta jew meta l-qagħda finanzjarja tagħha tkun prekarja jew xort'oħra tagħmel lill-applikant mhux adatt; jew

(iii) tkun tkeċċiet mill-pulizija jew mill-forzi armati jew mis-servizz tal-ħabs minħabba xi reat jew xi nuqqas ieħor fl-imġiba; jew(b) dwar xi tagħrif li jkun ta' interess pubbliku; jew

(iv) tkun uffiċjal pubbliku jew membru tal-Pulizija jew Forzi Armati jew tas-servizz tal-ħabs; jew

(b) dwar xi tagħrif li jkun ta' interess pubbliku; jew

(c) meta l-applikant ma jkollux il-kwalifiki meħtieġa kif jista' jkun preskritt bl-Att jew taħtu.

L-14 ta' Marzu, 2023

Any person may, within one month from the publication of this notice, object in writing to the Commissioner about the issue of the above licences on any of the grounds listed in section 10 of the Private Guards and Community Officers Act 1996, which are:

(a) where the applicant or any officer of the applicant or any person who has an effective control of the services to be provided by the applicant.

(i) has been convicted in Malta or elsewhere of any crime against the safety of the state, or of any crime of voluntary harm or injury to any person or any crime against property or public trust or any other serious crime; or

(ii) has been declared bankrupt or his financial position is precarious or otherwise renders the applicant unsuitable; or

(iii) has been discharged from the police or armed forces or the prison services because of any offence or other misbehaviour; or

(iv) is a public officer or a member of the police or armed forces or the prison services; or

(b) when information is available which is in the public interest; or

(c) where the applicant does not possess the necessary qualifications as may be prescribed by or under the Act.

14th March, 2023

AVVIŻ TAL-PULIZIJA

Nru. 38

Il-Kummissarju tal-Pulizija jgħarraf li skont il-Leġiżlazzjoni Sussidjarja 65.05 u l-Leġiżlazzjoni Sussidjarja 65.13, it-toroq hawn taħt imsemmija se jiġu kklasifikati bħala Żoni ta' Rmonk kif indikat hawn taħt fid-dati u ħinijiet indikati.

Bis-saħħa tal-Artikolu 52(1) tal-Ordinanza dwar ir-Regolamenti tat-Traffiku (Kap. 65), il-Kummissarju tal-Pulizija jgħarraf illi l-vetturi tas-sewqan jista' jagħti l-każ li ma jkunux jistgħu jgħaddu jew jiddawru mit-toroq imsemmija hawn taħt fid-dati u l-ħinijiet indikati.

Il-Ħamrun

Nhar il-Ġimgħa, 31 ta' Marzu, 2023, mis-6.00 p.m. sad-9.00 p.m., purċissjoni tad-Duluri mill-knisja parrokkjali, Triq il-Kbira San Ġużepp, Triq id-Duka ta' Edinburgh, Triq il-Vitorja, Triq Fidele, Triq San Gejtanu, Triq Barbara u Triq il-Kbira San Ġużepp sal-knisja parrokkjali;

POLICE NOTICE

No. 38

The Commissioner of Police hereby notifies that in terms of Subsidiary Legislation 65.05 and Subsidiary Legislation 65.13, the streets listed hereunder are to be classified as Tow Zones.

In virtue of Section 52 (1) of the Traffic Regulations (Chapter 65). The Commissioner of Police hereby notifies that the transit and stopping of vehicles through the streets mentioned hereunder may be prohibited on the dates and times indicated.

Ħamrun

On Friday, 31st March, 2023, from 6.00 p.m. till 9.00 p.m., Lady of Sorrows procession from parish church, Triq il-Kbira San Ġużepp, Triq id-Duka ta' Edinburgh, Triq il-Vitorja, Triq Fidele, Triq San Gejtanu, Triq Barbara and Triq il-Kbira San Ġużepp till parish church;

Nhar il-Ħadd, 2 ta' April, 2023, mit-8.00 a.m. sad-9.30 a.m., minn fejn il-Mużew tal-Bniet, Triq Villambrosa, Triq Fra Diegu u Triq il-Kbira San Ġużepp għall-knisja parrokkjali;

Nhar it-Tlieta, 4 ta' April 2023, mill-4.00 p.m. sad-9.15 p.m., minn ħdejn il-Mużew ta' Blata l-Bajda sal-knisja parrokkjali fi Triq il-Kbira San Ġużepp.

Għeluq ta' toroq u trasport pubbliku se jkun affettwat. M'hemmx bżonn clearance.

L-Imġarr

Iċ-ċaqliq kollu tat-traffiku (traġitt) huwa projbit nhar il-Ġimgħa, 24 ta' Marzu, 2023, mis-6.00 p.m. sas-7.00 p.m., fi Triq il-Kbira, Triq Vitale, Triq ix-Xagħra tal-Knisja, Triq Dun Ġużepp Micallef, Triq San Filippu, Triq iċ-Ċentinarju tal-Parroċċa, Triq Barbara u Triq Dun Edgar;

Iċ-ċaqliq kollu tat-traffiku (traġitt) huwa projbit nhar il-Ġimgħa, 31 ta' Marzu, 2023, mis-6.00 p.m. sas-7.00 p.m., fi Triq Dun Orazju Vella, Triq Vitale, Triq San Pawl u Triq Dun Edgar;

Iċ-ċaqliq kollu tat-traffiku (traġitt u parkeġġ) huwa projbit nhar it-Tlieta, 4 ta' April, 2023, mill-4.00 p.m. sad-9.00 p.m., fi Triq il-Kurat Chetcuti, Triq il-Kbira, Triq San Piju, Triq San Franġisk, Triq San Pawl u Triq Dun Edgar.

Trasport pubbliku se jkun ukoll affettwat.

Il-Belt Valletta

Nhar il-Ġimgħa, 17 ta' Marzu, 2023, mill-4.00 p.m. sa nofsillejl, minn Triq it-Tramuntana bejn Pjazza Sant'Ermu u Triq il-Merkanti;

Nhar il-Ġimgħa, 31 ta' Marzu, 2023, mis-2.00 p.m. sal-10.00 p.m., u l-Ġimgħa, 7 ta' April, 2023, mis-2.00 p.m. sal-10.00 p.m., minn Triq Sant'Ursula minn Triq San Ġwann sa Triq San Kristofru, Triq San Kristofru minn Triq Sant'Ursula sa Triq il-Merkanti, Triq il-Merkanti minn Triq San Kristofru sa Triq Melita, Triq Melita minn Triq il-Merkanti sa Triq San Pawl, Triq San Pawl minn Triq Melita sa Triq it-Teatru l-Antik u Triq San Ġwann minn Triq San Pawl sa Triq Sant'Ursula.

Il-Furjana

Nhar il-Ġimgħa, 31 ta' Marzu, 2023, mill-4.00 p.m. sad-9.00p.m., minn Pjazza San Publiju minn Triq Sarria sa Triq San Publiju, Ġnien il-Mall, Triq il-Mall minn Triq il-Konservatorju sa Triq V. Dimech, Triq il-Konservatorju minn Triq l-Iljun sa Triq il-Mall, Triq l-Iljun minn Triq l-Argotti sa Triq il-Konservatorju, Triq l-Argotti minn Triq il-Mall sa Triq l-Iljun, Ġnien il-Mall, Triq Sarrija kantuniera ma' Pjazza E. S. Tonna, Triq Sant'Anna kantuniera ma' Pjazza E. S. Tonna,

On Sunday, 2nd April, 2023, from 8.00 a.m. till 9.30 a.m., through near Girls' Museum, Triq Villambrosa, Triq Fra Diegu and Triq il-Kbira San Ġużepp to parish church;

On Tuesday, 4th April 2023, from 4.00 p.m. till 9.15 p.m., through near Blata l-Bajda Museum till parish church in Triq il-Kbira San Ġużepp.

Closure of streets and public transport will be affected. No clearance needed.

Mġarr

All the traffic movement (transit) is prohibited on Friday, 24th March, 2023, from 6.00 p.m. till 7.00 p.m., in Triq il-Kbira, Triq Vitale, Triq ix-Xagħra tal-Knisja, Triq Dun Ġużepp Micallef, Triq San Filippu, Triq iċ-Ċentinarju tal-Parroċċa, Triq Barbara and Triq Dun Edgar;

All the traffic movement (transit) is prohibited on Friday, 31st March, 2023, from 6.00 p.m. till 7.00 p.m., in Triq Dun Orazju Vella, Triq Vitale, Triq San Pawl and Triq Dun Edgar;

All the traffic movement (transit and parking) is prohibited on Tuesday, 4th April, 2023, from 4.00 p.m. till 9.00 p.m., in Triq il-Kurat Chetcuti, Triq il-Kbira, Triq San Piju, Triq San Franġisk, Triq San Pawl and Triq Dun Edgar.

Public transport will also be affected.

Valletta

On Friday, 17th March, 2023, from 4.00 p.m. till midnight, through Triq it-Tramuntana between Pjazza Sant'Ermu and Triq il-Merkanti;

On Friday, 31st March, 2023, from 2.00 p.m. till 10.00 p.m., and on Friday, 7th April, 2023, from 2.00 p.m. till 10.00 p.m., through Triq Sant'Ursula from Triq San Ġwann till Triq San Kristofru, Triq San Kristofru from Triq Sant'Ursula till Triq il-Merkanti, Triq il-Merkanti from Triq San Kristofru till Triq Melita, Triq Melita from Triq il-Merkanti till Triq San Pawl, Triq San Pawl from Triq Melita till Triq it-Teatru l-Antik and Triq San Ġwann from Triq San Pawl till Triq Sant'Ursula.

Floriana

On Friday, 31st March, 2023, from 4.00 p.m. till 9.00p.m., through Pjazza San Publiju from Triq Sarria till Triq San Publiju, Ġnien il-Mall, Triq il-Mall from Triq il-Konservatorju till Triq V. Dimech, Triq il-Konservatorju from Triq l-Iljun till Triq il-Mall, Triq l-Iljun from Triq l-Argotti till Triq il-Konservatorju, Triq l-Argotti from Triq il-Mall till Triq l-Iljun, Ġnien il-Mall, Triq Sarrija corner with Pjazza E. S. Tonna, Triq Sant'Anna corner with Pjazza E. S. Tonna, Triq San Tumas

Triq San Tumas minn Triq Sarrija sa Triq San Franġisk, Triq San Franġisk minn Pjazza R. Sammut sa Triq il-Miratur, Triq il-Miratur minn Triq San Franġisk sa Triq San Publiju, Triq San Publiju minn Triq il-Miratur sa Pjazza San Publiju, u Pjazza San Publiju minn Triq San Publiju sa Triq Sarrija.

L-għeluq tat-toroq isir skont il-bżonn.
Triq San Pawl se tingħalaq għal xi ħin.
Triq Sant'Anna se tingħalaq għal xi ħin.

It-trasport pubbliku (Valletta Circular Bus) jista' jkun affettwat.

Vetturi li jiksru l-ordni ta' dan l-avviż ikunu suġġetti li jiġu rmunkati.

L-14 ta' Marzu, 2023

AVVIŻ TAL-PULIZIJA

Nru. 39

Bis-saħħa tal-Artikolu 52(1) tal-Ordinanza dwar ir-Regolament tat-Traffiku (Kap. 65), il-Kummissarju tal-Pulizija jgħarraf illi l-vetturi tas-sewqan ma jkunux jistgħu jgħaddu mit-toroq imsemmija hawn taħt fid-dati u l-ħinijiet indikati.

Tas-Sliema

Nhar il-Ġimgħa, 17 ta' Marzu, 2023, mis-1.00 p.m. sa nofsillejl mix-Xatt ta'Spinola inkluż l-aċċessi kollha lejn ix-Xatt ta' Spinola inkluż parti minn Triq Mikelanġ Borg (mill-aċċess ta' Triq il-Baltiku direzzjoni lejn ix-Xatt ta' Spinola, parti minn Triq il-Kbira kantuniera ma' Triq Mons. Guido Calleja, Triq Ġorġ Borg Olivier (minn fejn City of London Pub direzzjoni lejn ix-Xatt ta' Spinola, Triq San Ġorġ, Triq Ross, parti minn Triq Sant'Andrija direzzjoni lejn Triq Gort u Triq San Ġorġ), Triq Wied Għomor u l-parkeġġ fix-Xatt ta' Spinola (fejn Tiguglio).

Birkirkara

Nhar il-Ġimgħa, 31 ta' Marzu, 2023, mis-6.30 p.m. sad-9.30 p.m., minn Triq Fleur-De-Lys, Triq Sant'Antnin, Triq A. Cuschieri, Triq Borg u Trejqet Fleur-De-Lys.

Trasport pubbliku se jkun ukoll affettwat.

Marsaxlokk

Nhar il-Ħadd, 2 ta' April, 2023, mid-9.00 a.m. sad-9.30 a.m., minn Triq San Ġużepp, Triq Santa Katarina, Triq Duncan u Pjazza Madonna ta' Pompei.

Trasport pubbliku se jkun ukoll affettwat.

from Triq Sarrija till Triq San Franġisk, Triq San Franġisk from Pjazza R. Sammut till Triq il-Miratur, Triq il-Miratur from Triq San Franġisk till Triq San Publiju, Triq San Publiju from Triq il-Miratur till Pjazza San Publiju, and Pjazza San Publiju from Triq San Publiju till Triq Sarrija.

Closure of streets as required.
Triq San Pawl will be closed for some time.
Triq Sant'Anna will be closed for some time.

Public transport (Valletta Circular Bus) may be effected.

Any vehicles found parked in contravention to the order of this notice are liable to be towed away.

14th March, 2023

POLICE NOTICE

No. 39

In virtue of Article 52(1) of the Traffic Regulation Ordinance (Cap. 65), the Commissioner of Police hereby notifies that the transit of vehicles from the streets mentioned hereunder will be suspended on the dates and times indicated.

Tas-Sliema

On Friday, 17th March, 2023, from 1.00 p.m. till midnight through Xatt ta' Spinola including all accesses to Xatt ta' Spinola including part from Triq Mikelanġ Borg (from the access of Triq il-Baltiku direction towards Xatt ta' Spinola, part from Triq il-Kbira corner with Triq Mons. Guido Calleja, Triq Ġorġ Borg Olivier (from near City of London Pub direction towards Xatt ta' Spinola, Triq San Ġorġ, Triq Ross, part from Triq Sant'Andrija direction towards Triq Gort and Triq San Ġorġ), Triq Wied Għomor and Xatt ta' Spinola parking area (near Tiguglio).

Birkirkara

On Friday, 31st March, 2023, from 6.30 p.m. till 9.30 p.m., through Triq Fleur-De-Lys, Triq Sant'Antnin, Triq A. Cuschieri, Triq Borg and Trejqet Fleur-De-Lys.

Public transport will be affected.

Marsaxlokk

On Sunday, 2nd April, 2023, from 9.00 a.m. till 9.30 a.m., through Triq San Ġużepp, Triq Santa Katarina, Triq Duncan and Pjazza Madonna ta' Pompei.

Public transport will also be affected.

Vetturi li jiksru l-ordni ta' dan l-avviż ikunu suġġetti li jiġu rmunkati.

L-14 ta' Marzu, 2023

AVVIŻ TAL-PULIZIJA

Nru. 40

Il-Kummissarju tal-Pulizija jgħarraf li skont l-Avviż Legali 94/97 it-toroq hawn taħt imsemmija se jiġu kklassifikati bħala Żoni ta' Rmonk fid-dati u l-ħinijiet kif indikat hawn taħt.

Bis-saħħa tal-Artikolu 52(1) tal-Ordinanza dwar ir-Regolamenti tat-Traffiku (Kap. 65), il-Kummissarju tal-Pulizija jgħarraf illi l-vetturi tas-sewqan ma jkunux jistgħu jgħaddu jew jiddawru mit-toroq imsemmija hawn taħt fid-dati u l-ħinijiet indikati.

Tas-Sliema

Nhar il-Ġimgħa, 17 ta' Marzu, 2023, mill-10.00 a.m. sa nofsillejl mix-Xatt ta' Spinola inkluż il-parkeġġ (fejn Tiguglio) u Triq Ross.

Vetturi li jiksru l-ordni ta' dan l-avviż ikunu suġġetti li jiġu rmunkati.

L-14 ta' Marzu, 2023

TRANSPORT MALTA

Avviż Lokali lill-Baħħara Nru. 34 tal-2023

Stħarriġ bl-għadis u xogħlijiet ta' tiswija madwar il-Buġibba Breakwater fil-Bajja ta' San Pawl

Id-Direttorat tal-Portijiet u l-Yachting, Transport Malta, javża lill-baħħara u lis-sidien tal-bastimenti li se jsir stħarriġ bl-għadis u xogħlijiet ta' tiswija madwar il-Buġibba Breakwater fil-Bajja ta' San Pawl.

L-istħarriġ bl-għadis u xogħlijiet ta' tiswija huma ppjanati li jibdew nhar l-Erbgħa, 22 ta' Marzu, 2023, u jitlestew is-Sibt, 22 ta' April, 2023. Ix-xogħlijiet se jsiru fiż-żona ffurmata mil-linji immaġinarji li jgħaqqdu l-punti A, B, C, D, E, F, u l-kosta intermedja, kif muri bl-aħmar fis-sit elettroniku ta' Transport Malta (www.transport.gov.mt).

Pożizzjoni	*Latitudni (T)*	*Longitudni (L)*
A	35° 57'.130	014° 24'.530
B	35° 57'.133	014° 24'.488
C	35° 57'.157	014° 24'.441
D	35° 57'.092	014° 24'.391
E	35° 57'.072	014° 24'.412
F	35° 57'.111	014° 24'.512

Any vehicles found parked in contravention to the order of this notice are liable to be towed away.

14th March, 2023

POLICE NOTICE

No. 40

The Commissioner of Police hereby notifies that in terms of L.N. 94/97 the streets listed hereunder are to be classified as Tow Zones as indicated hereunder on the dates and times indicated.

In virtue of Article 52(1) of the Traffic Regulations Ordinance (Cap. 65), the Commissioner of Police hereby notifies that the transit of vehicles through the streets mentioned hereunder will be suspended or deviated on the dates and times indicated.

Tas-Sliema

On Friday, 17th March, 2023 from 10.00 a.m. till midnight through Xatt ta' Spinola including parking (near Tiguglio) and Triq Ross.

Vehicles found in contravention to the order of this notice are liable to be towed.

14th March, 2023

TRANSPORT MALTA

Local Notice to Mariners No. 34 of 2023

Diving survey and repair works around the Bugibba Breakwater in Il-Bajja ta' San Pawl

The Ports and Yachting Directorate, Transport Malta, notifies mariners and owners of vessels that a diving survey and repair works will be held around the Bugibba Breakwater in Il-Bajja ta' San Pawl.

The diving survey and repair works are planned to start on Wednesday, 22nd March, 2023, and be completed on Saturday, 22nd April, 2023. The works will be held within the area formed by the imaginary lines joining points A, B, C, D, E, F, and the intermediate coastline, as shown in red on the chart found on Transport Malta website (www.transport.gov.mt).

Position	*Latitude (N)*	*Longitude (E)*
A	35° 57'.130	014° 24'.530
B	35° 57'.133	014° 24'.488
C	35° 57'.157	014° 24'.441
D	35° 57'.092	014° 24'.391
E	35° 57'.072	014° 24'.412
F	35° 57'.111	014° 24'.512

L-istħarriġ u t-tiswijiet se jsiru minn għaddasa li se jtajru l-Bandiera tal-Kodiċi Internazzjonali tas-Sinjali 'A', waqt li jkunu qed isiru x-xogħlijiet.

Jista' jkun hemm bastiment ta' appoġġ li jgħin fix-xogħlijiet. Żona ta' sigurtà ta' 100m madwar l-għaddasa u l-bastiment ta' appoġġ għandha tinżamm waqt li jkunu qed isiru x-xogħlijiet.

Uħud mix-xogħlijiet ta' tiswija se jsiru fuq u ħdejn l-iskal, fil-bidu tal-breakwater; minħabba dan ix-xogħol l-iskal ma jkunx jista' jintuża u minfloku jista' jintuża skal ieħor iktar lejn ix-Xlokk.

Il-sidien u l-operaturi tal-bastimenti huma avżati biex joqgħodu attenti, u jipproċedu b'kawtela u b'veloċità baxxa meta jinnavigaw fiż-żoni indikati hawn fuq. Huma għandhom jikkoperaw mal-kuntrattur u josservaw l-istruzzjonijiet mogħtija fuq VHF Channel 12 u/jew 16 minn Valletta VTS.

Chart affettwata: BA 211

L-14 ta' Marzu, 2023

DIPARTIMENT TAT-TEŻOR

Skont ir-Regolament 111(2) tar-Regolamenti tal-Kuntratti Pubbliċi (SL 174.04), id-direct orders li ġejjin ġew mogħtija mid-Dipartiment tat-Teżor fi ħdan il-Ministeru għall-Finanzi u x-Xogħol għal kuntratt ta' servizz ma' Dott. Marita Pace Dimech biex tipprovdi assistenza legali għad-Dipartiment tat-Teżor fuq aspetti legali li jikkonċernaw garnishee orders u proċessar ta' causa mortis ta' Stocks tal-Gvern fuq perjodu ta' sena li jibda mis-17 ta' Frar, 2023 sas-16 ta' Frar, 2024, li taħdem 10 sigħat fil-ġimgħa, għal prezz ta' €18,200 eskluża l-VAT.

L-14 ta' Marzu, 2023

AWTORITÀ TAD-DJAR

Iċ-Chief Executive Officer, Awtorità tad-Djar, jgħarraf illi:

Offerti magħluqin għall-avviż li ġej għandhom jintefgħu fil-kaxxa tal-offerti tal-Awtorità tad-Djar, 22, Triq Pietro Floriani, Il-Furjana, sal-10.00 a.m. ta' nhar il-Ġimgħa, 24 ta' Marzu, 2023, għal:

Avviż Nru. 6/2023. Kera tale quale ta' Garaxx Nru. 6, taħt Binja Torri tal-Qattus, Triq A. Sammut, Birkirkara. Offerti taħt €1,605 fis-sena ma jiġux ikkunsidrati.

Irid isir ħlas ta' €20 għad-dokumenti tal-offerta li jistgħu jinkisbu mill-Awtorità tad-Djar.

The survey and repairs will be carried out by scuba divers who will be displaying the International Code of Signals Flag 'A', while works are being carried out.

There may be a support vessel assisting in the works. A safety zone of 100m round the scuba divers and the support vessel is to be kept while works are being carried out.

Some of the repair works will be carried out on and near the slipway, at the beginning of the breakwater; due to this work the slipway cannot be used and another slipway further south may be used instead.

Masters and operators of vessels are advised to keep a sharp lookout, proceed with caution and at slow speed when navigating in the above indicated areas. They are to cooperate with the contractor and comply with instructions given on VHF Channel 12 and/or 16 by Valletta VTS.

Chart affected: BA 211

14th March, 2023

TREASURY DEPARTMENT

In terms of the Public Procurement Regulations, (SL 174.04) the Treasury Department within the Ministry for Finance and Employment entered into contract for service with Dr Marita Pace Dimech to provide legal assistance to the Treasury Department on legal aspects concerning garnishee orders and the processing of causa mortis of Government Stocks for a period of one year starting from 17th February, 2023 up to 16th February, 2024, working 10 hours per week, for the cost of €18,200 excluding VAT.

14th March, 2023

HOUSING AUTHORITY

The Chief Executive Officer, Housing Authority, notifies that:

Sealed tenders in respect of the following adverts have to be deposited in the tender box at the Housing Authority, 22, Triq Pietro Floriani, Floriana, by 10.00 a.m. on Friday, 24th March, 2023, for:

Advt No. 6/2023. Lease tale quale of Garage No. 6, underlying Binja Torri tal-Qattus, Triq A. Sammut, Birkirkara. Offers below €1,605 annually will not be considered.

A fee of €20 will be charged for the tender documents which can be obtained from the Housing Authority's office.

L-Awtorità żżomm id-dritt li tirrifjuta kull offerta, anke l-aktar waħda vantaġġjuża.

L-14 ta' Marzu, 2023

KUNSILL MALTI GĦAS-SETTUR TAL-VOLONTARJAT

Il-Kunsill Malti għas-Settur tal-Volontarjat jgħarraf li l-Għaqda Għajn Tuta qiegħda tħabbar pubblikazzjoni għall-provvista u konsenja ta' strumenti mużikali:

Referenza tal-Proġett VOPS A1.11.2023_VOPS2023

L-Għaqda Għajn Tuta teħtieġ l-offerta għall-provvista u konsenja ta' strumenti mużikali, bħala parti mill-Proġett VOPS A1.11.2023_VOPS2023 'MIX (MICS) Malta Italy Culture Sharing'.

Dawk interessati jistgħu isibu aktar speċifikazzjonijiet minn (michelle@jcordina-andco.com)

L-offerta tagħlaq nhar it-Tnejn, 3 ta' April, 2023.

Dan il-proġett ġie ffinanzjat permezz tal-Voluntary Organisations Project Scheme amministrat mill-Kunsill Malti għas-Settur tal-Volontarjat f'isem il-Ministeru għall-Inklużjoni, il-Volontarjat u d-Drittijiet tal-Konsumatur.

L-14 ta' Marzu, 2023

CENTRAL PROCUREMENT U SUPPLIES UNIT

Id-Direttur Maniġerjali (Procurement and Supplies), Ministeru għas-Saħħa, jgħarraf illi:

Jintlaqgħu offerti elettroniċi rigward l-avviżi li ġejjin sad-9.30 a.m. tat-Tlieta, 4 ta' April, 2023. L-offerti għandhom jintbagħtu BISS online fuq (www.etenders.gov.mt) għal:

CFT 009-3340/23. Provvista ta' 'neutosurgical endoscopy tower', b'impatt ambjentali ridott inkluż monitor effiċjenti fl-użu tal-enerġija

CFT 009-3341/23. Provvista ta' 'high-definition video flexible cysoscopes'

